MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 50/8
## *(Kontinwazzjoni tal-Laqgha Nru 49/8)*

It-Tlieta 8 ta' Gunju 2021

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-hamsa u nofs (5:30pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

Maria Micallef – Kunsilliera

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: MS Vella; Viċi-Sindku: JM Calleja; Kunsilliera: MA Sammut, S. Caruana u M. Micallef

## AĠENDA

050.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

050.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti (47 [15/4/2021] u (48 [4/5/2021]);

050.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

050.4 Post Vakant ghall-Ufficjal Ezekuttiv *Full time* (Skala 13) mall-Kunsill Lokali tal-Gudja;

050.5 Komunikazzjoni mibghuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar devoluzzjonijiet;

050.6 Tweġiblet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillleri;

050.7 Rapporti;

050.8 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress (pavimentar quddiem il-Kapella ta` Loretu)
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

050.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

050.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta neqsin kwart ta` filgħaxija (5:45pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 050.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittri ta` apologija.

## 050.2. Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

Dan l-item gie diskuss fil-laqgha nru 49.

050.3. **Komunikazzjoni mis-Sindku;**

Dan l-item gie diksuss fil-laqgha nru 49.

050.4 **Post Vakant ghall-Ufficjal Ezekuttiv *Full time* (Skala 13) mall-Kunsill Lokali tal-Gudja;**

Dan l-item gie diskuss fil-laqgha nru 49.

050.5 **Komunikazzjoni mibghuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar devoluzzjonijiet;**

Dan l-item gie diskuss fil-laqgha nru 49.

050.6 **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

050.6.1 Il-Vici Sindku ghamel referenza ghall-one way li hemm fi Triq tal-Lampat, fejn talab sabiex din titatta sakemm jitlestew ix-xoghlijiet. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

050.6.2 Il-Kunsillier MA Sammut propona sabiex isiru dog bins fit-trejqiet li jaghtu fil-kampanja fl-area ta` Loretu. Dwar dan kien hemm diskussjoni dwar it-tbattil u tindif ta` dawn il-bins.

050.6.3 Il-Kunsillier MA Sammut ghamel referenza ghal trejqa zghira li tinsab fl-area maghrufa Ta` Caghki dejn ghandha bzonn isir b`xi konkos jew tarmac ghall-bdiewa li ghandhom ghelieqi taghhom. Dwar dan il-Kunsill ser jitlob l-ghajnuna lill-IM u kif ukoll li jingabru l-kwotazzjonijiet minn naha tal-Kunsill.

050.6.4 Il-Kunsillier S Caruana ghamel referenza ghall-bus stop ta` quddiem il-Kunsill. Transport Malta nfurmat lill-Kunsill li dan kienx ser jitnehha.

050.6.5 Il-Kunsillier S Caruana ghamel referenza dwar l-istat ta` bankina li hemm fi Triq iz-Zebbuga fejn qeghdin jahdmu xi kuntratturi sabiex ninfurmaw lill-kuntrattur responsabbli sabiex din titranga kif kienet.

050.6.6 Il-Kunsillier S Caruana ghamel referenza ghal diversi qsari u xi materjal iehor li tpogga fi Triq l-Ghelejjel man-naha tal-ghelieqi sabiex dan jitnehha ghax qed ikun ta` ngombru.

050.6.7 Il-Kunsillier S Caruana staqsa dwar xi zvilupp li kien hemm fuq il-pavimentar ta` quddiem il-Knisja ta` Loretu. Is-Sindku qalet li minn naha tal-Ministeru kienu applikaw ghall-pemessi mall-PA.

050.6.8 Il-Kunsillier S Caruana ghamel referenza ghat-toqob tal-festa fi Triq R.Caruana, sabiex ninfurmaw lill-kuntrattur u l-ghaqdiet dwar dan biex dawn jergghu jsiru mill-gdid.

050.6.9 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jigu rrangati xi tappieri li hemm fi Triq J.Pace.

050.6.10 Il-Kunsillier MA Sammut talab sabiex jintbghat kennies fi Triq Santa Marija.

050.6.11 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-Jum il-Gudja 2021, fejn proponiet li ssir quddiesa fil-15 ta` Lulju u jigu mistiedna l-ghaqdiet. Talbet sabiex jekk huwa possibli ssir xi attivita zghira matul dik il-gimgha. Il-Kunsillier S Caruana propona li ssir Clean Up Day nhar is-Sibt 10 ta` Lulju 2021 matul in-nofs ta` nhar ta` filghodu. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

050.7 **Rapporti;**

Gie prezentat ir-Rapport Finanzjarju tal-Ewwel Tlett Xhur tas-sena 2021 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Dan ir-rapport gie approvat minn dawk prezenti.

050.8 **Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. **Triq iż-Żebbuġa – progress**
b. **Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina – progress**
c. **Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto progress (pavimentar quddiem il-Kapella ta` Loretu)**
d. **Ġnien Raymond Caruana – progress**
e. **Ġnien Ġlormu Cassar – progress**

050.9 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-lista ta' pagamenti nru 25/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsillier MA Sammut u ssekondata mill-Vici Sindku JM Calleja għall-ammont totali ta' €25,856.74 u ġiet approvata nem con.

050.10 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-Laqgha ntemmet fis-sebgha u kwart ta` filghaxija (7:15pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgħa għal nhar it-Tlieta 6 ta` Lulju 2021 fis-6:00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tlieta 6 ta` Lulju 2021

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv